**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 146/21/F

**Antoinette Caruana**

**vs**

**Mark Muscat – Muscat Floor Polishing**

Illum, 13 ta' Marzu, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-30 ta' Awwissu 2021 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-Intimat fil-11ta' Ottubru 2021;

Ra d-dokumenti eżebiti mill-Partijiet;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrenti Antoinette Caruana waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2022;

Ra ir-rapport redatt mill-Perit Karys Schembri prodotta bħala esperta *ex parte* mir-Rikorrenti u sema x-xhieda tal-istess Perit waqt is-seduta tas-27 ta'Ġunju 2022;

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022 fejn in vista tal-konklużjonijiet fir-rapport peritali *ex parte* imsemmi, ir-Rikorrenti tabet li t-Talba tagħha tiġi emendata sabiex minn tlett mitt Euro (€300.00) tiġi taqra elf, tlett mija u ħamsin Euro (€1,350.00);

Ra li t-Tribunal laqa' t-talba u ordna li jsiru d-debiti emendi fl-atti tat-Talba;

Ra li l-Intimat naqas li jattendi għas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022 mingħajr ebda ġustifikazzjoni, liema seduta kienet bl-iskop tal-produzzjoni tal-provi tiegħu;

Ra li t-Tribunal iddikjara l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluq u b'hekk it-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tagħha kif emendata, ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' **elf, tlett mija u ħamsin Euro (€1,350.00)** mill-Intimat rappreżentanti l-valur ta' xogħol ta' rimpjazzament fuq art taċ-ċangatura tal-franka fir-residenza tagħha 88, Buganvilla, Triq San Ġużepp, Ħaż-Żabbar.

Illi permezz tar-Risposta tiegħu, l-Intimat jikkontesta t-Talba tar-Rikorrenti billi jgħid li x-xogħol ġie intraprendut minnu skont is-sengħa u l-arti tant li matul ix-xogħol, il-kijenta dejjem aċċettat ir-riżultat "mingħajr riservi" u qatt ma qajjmet ilment. Jargumenta ukoll li bil-fatt li r-Rikorrenti ħallsitu ta' xogħolu, jfisser li hija kienet sodisfatta.

Illi fix-xhieda tagħha, ir-Rikorrenti tispjega li l-Intimat kellu jobrox iċ-ċangatura li kellha diġà il-lostru fuqha, biex titnadaf u jerġa' jingħata lostru ġdid apposta. Skont ir-Rikorrenti, minflok *sealer* apposta għall-art, ingħata "Febsilicon" li jista' jintuża biss fuq il-ħitan u mhux artijiet. Spjegat li b'riżultat tal-intervent difettuż tal-Intimat, l-art taċ-ċangatura issa tinsab fi stat ħazin ħafna. Ir-Rikorrenti tispjega li oriġinarjament kienet talbet lill-intimat sabiex jerġa' jobrox l-art iżda fi kliemha, dan kien qalilha li riedt terġa' tħallas.

Illi ġew eżebiti sensiela ta' ritratti mir-Rikorrenti, li kif hija spjegat, juru l-art tal-franka kif ġiet allegatament danneġġjata bl-intervent tal-Intimat.

Illi r-Rikorrenti ppreżentat ukoll rapport tekniku *ex parte* redatt mill-Perit Karys Schembri. F'dan ir-rapport, il-Perit Schembri ikkonstatat illi "*the flooring is completely stained and unpleasant to look at. The hallway and corridor, abuts the garden and is the main feature of the house on entrance. The work carried out has devalued the property if left in such an unaccetable state and also putting the stone flooring at risk of deterioration*".

In kwantu ta' rimedju, ġie suġġerit illi "*the floor is cleaned again and all stains sanded down, similar to what was done before, open resultant joints properly grouted where necessary and a new appropriate breathable sealer/floor finish is applied to protect the stone*" u stmat l-ispiża għax-xogħol u l-materjali rekwiżiti sabiex isir ix-xogħol ta' rimbjazzament b'mod tajjeb fis-somma komplessiva ta' €1,350.

Illi jrid jingħad li minkejja l-kontestazzjonijiet imqanqla fir-risposta tiegħu, l-Intimat la deher fis-seduta biex jixhed bil-ġurament u lanqas ressaq xi provi dokumentarji

jew opinjoni teknika u għalhekk, dak li jgħid fir-Risposta ftit li xejn għandu siwi f'għajnejn dan it-Tribunal.

Illi skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt in materja ta' adempjenza kuntrattwali, l-appaltatur, kif f'dan il-każ huwa l-Intimat, għandu jassikura li x-xogħol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li juri difetti jew li addirittura jiddanneġġju l-proprjetà tal-konsumatur. L-obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jeżegwixxi l-opra miftehma skond is-sengħa" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li "*l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374).

Illi għalhekk, dak li qed titlob ir-Rikorrenti jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tagħha bħala konsumatur għax hi, ladarba inkarigat persuna teknika sabiex tagħmel ix-xogħol fid-dar tagħha, kellha kull dritt li tippretendi li dan ix-xogħol isir sewwa u kif miftiehem u *multo magis* li ma ssirx ħsara fil-proprjetà tagħha in kors tax-xogħlijiet.

Illi għalhekk, wara li qies sewwa l-provi kollha, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-t-talba tar-Rikorrenti għandha tiġi akkolta.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba hekk:**

**Filwaqt li jiddikjara li x-xogħol magħmul mill-Intimat Mark Muscat fir-residenza tar-Rikorrenti ma sarx skont l-arti u s-sengħa, jikkundanna lill-Intimat sabiex fi żmien ħmistax, iħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' elf, tlett mija u ħamsin Euro (€1,350.00) bħala valur tax-xogħlijiet ta' rimedjali.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tar-Rikorrenti.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***